MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# ID-DISÁ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

Il-Ħamis, 15 ta' Mejju, 2026

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Clyde Cauchi– Viċi Sindku
Louis Galea – Kunsillier
Lorenzo Grima – Kunsillier
Jeremy Hili – Kunsillier

Isaac Formosa – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 26.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

26.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 26.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

26.2.1 Is-Sindku qal illi ġie ffirmat l-addendum tal-kuntratt tal-Animal Steward li issa ġie kuntratt ta' impjieg għal żmien indefinit b'effett mit-2 t'April 2026.

26.2.2 Dwar it-*tournament* tan-nursery organizzat minn NextGen, is-Sindku ġie mistieden biex jippreżenta t-trofej u l-medalji.

26.2.3 Bejn it-3 u t-8 ta' Ġunju ser ikollna fostna delegazzjoni mill-proġett 'Paths of European Heritage'. Id-delegazzjoni tikkonsisti f'parteċipanti minn San Venanzo fl-Italja, minn Tisno fil-Kroazja u minn Nagycenk fl-Ungerija. Is-Sindku qal illi bħalissa qed isiru l-aħħar prepamenti għal din iż-żjara.

26.2.4 Is-Sindku qal illi d-*double yellow lines* fi Triq San Lawrenz li ġew approvati f'laqgħa preċedenti saru u magħhom sar sinjal ieħor li ma kienx diskuss fil-laqgħa. Peress li b'dan is-sinjal tnaqqas parkeġġ, intbagħtet *email* lil Transport Malta fejn ġiet infurmata bis-sitwazzjoni, u dan is-sinjal ġie mgħotti b'żebgħa sewda.

26.2.5 Is-Sindku qal illi bħalissa għaddejja korrispondenza bejn il-Korporazzjoni EneMalta u l-ARMS dwar it-tneħħija tal-*meter* tad-dawl li fadal mill-*bus shelter* ta' Triq il-Wileġ. Is-Sindku jittama li din il-problema ma ddumx ma tiġi solvuta.

26.2.6 Is-Sindku fakkar li xi xhur ilu l-Kunsill kien daħal parteċipi f'applikazzjoni tal-Culture Fund għal Drama Session imexxija minn Luke Saydon. Bi pjaċir informa lill-Kunsill li din ġiet aċċettata u s-sessjoni f'San Lawrenz ser issir nhar is-26 ta' Awwissu.

26.2.7 Is-Sindku flimkien mal-Viċi-Sindku attendew laqgħa dwar *youth exchange* bejn is-6 u l-14 ta' Lulju fi Spanja. L-ambaxxatur taż-żgħażagħ qal illi dawn huma l-istess dati ta' safra li ser tiġi organizzata mill-parroċċa li fiha ser jipparteċipaw iż-żgħażagħ tal-lokalità. Sar qbil li jekk din ser tkun ser isseħħ, xorta toħroġ is-sejħa.

26.2.8 Korrispondenza mingħand il-*Community Work Scheme Enterprise Foundation* bis-suġġett 'Performance Appraisal Marks and Employee Deployment Policy'.

26.2.9 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett 'Town Twinning call for Proposals under the Citizens, Equality, Rights and Values (CERV) Programme'.

26.2.10 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari 3/2026 Accounting Treatment ta' Assi Fissi (Non-Current Assets) Aġġornament fuq id-Direttiva Numru 1.

26.2.11 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari AKL 2026/031_You Matter-Thriving Under Pressure_08.05.2026;
- Ċirkulari AKL 2026/033_The ALDA International School is back: keep on making the difference!;
- Ċirkulari AKL 2026/034 Best Rural Tourism Villages Competition;
- Ċirkulari AKL 2026/035_Call for evidence for the 2026 Annual Report on the State of Regions and Cities;
- Ċirkulari AKL 2026/036_Invitation: Launch of Maker Faire Malta 2026 (20 May).

26.2.12 Ġew għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ żviluppi b'permess numru:

- PA/02642/26 fid-Daħla ta' Feliċi fi Triq San Lawrenz;
- RG/01338/25 fi Triq San Lawrenz.

26.2.13 Il-Perit tal-Kunsill lesta l-pjanta ta' kif ser issir iż-*zebra crossing* fi Triq San Lawrenz. Ġie nnutat illi ser jitnaqqsu xi parkeġġi kif ġiet. Dak il-ħin sar kuntatt telefoniku mal-Perit fejn ġie diskuss dan it-tnaqqis. Il-Kunsill qabel illi l-Perit jikteb lil Transport Malta sabiex jispjega dan. Il-Kunsill ma jaqbilx illi jitnaqqsu parkeġġi.

26.2.14 Korrispondenza mill-Kappillan dwar l-għajn tal-Kunsill li hemm mal-faċċata tad-dar parrokkjali, fejn intbagħat kont ta' €1679,16 għall-ħlas tad-dawl u l-ilma biex tkun tista titħaddem ir-*reverse osmosis*. Dan l-ammont ma jinkludix il-kirja tal-*meter*. Is-Sindku qal illi wara din il-korrispondenza kellu laqgħa mal-Kappillan u fid-dawl tal-għajnuna, is-sapport u r-rispett li l-Kunsill kontinwament juri lill-Parroċċa, l-istess parroċċa rtirat dan il-kont. Il-Kunsill unanimament qabel illi din l-għajn taħdem biss bejn il-5.00a.m. sas-7.00p.m. sabiex ma jkunx hemm abbużi u li jsir kuntratt marbut mal-imsemmija għajn. Is-Sindku qal illi diġà kien hemm kuntratt imfassal u l-Kunsill dakinhar kien ta' ordni biex jitmexxa, imma milli jidher ma sar xejn mill-amministrazzjoni eżekuttiva tal-Kunsill.

26.2.15 UTV bagħtu korrispondenza dwar it-trasmissjoni tal-festa bħala servizz li jingħata lill-anzjani u l-morda li ma jistgħux joħorġu mid-djar tagħhom permezz tax-xandir fuq il-UTV. Il-Kunsill qabel unanimament illi jħallas €100 għal dan is-servizz.

26.2.16 Inġabret kwotazzjoni għal kiri t'AC's fil-klassijiet tal-iskola, kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti, għal matul ix-xahar ta' Ġunju. Il-kwotazzjoni għal 16 il-unit, 2 f'kull klassi, hija ta' €1,888 u €1,156.40 għat-trasport u l-installazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel illi t-trasport isir mill-ħaddiema tal-Kunsill u jitnaqqas in-numru tal-units peress li l-ammont ta' studenti fil-klassijiet mhux wieħed kbir.

26.2.17 Il-Kunsill irċieva l-kont mingħand Gatt Tarmac Ltd. għax-xogħol t'asfalt f'parti minn Triq il-Ġebla tal-Ġeneral, li kien ingħata bl-offerta SLLC/01/2019 bl-ammont €159,971.22. Il-Kunsill qabel mal-kont li ġie ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill u għaldaqstant sar qbil unanimu illi dan il-kont jitħallas.

26.2.18 Wasal il-materjal li kien fadal biex tkun tista titkompla l-bankina ta' Trejqet l-10 t'Awwissu issa. Is-Sindku qal illi b'dan ġiet infurmata d-Direttur Ġenerali tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex jitkompla x-xogħol.

26.2.19 Is-Sindku qal illi resident avviċinaħ u nfurmah illi hemm bżonn illi ssir mera fl-*area* Ta' Pawluzzu. Il-Kunsill qabel illi ssir mera ġdida.

26.2.20 Il-Kunsillier Louis Galea talab sabiex tabella li tindika 'Dwejra' li tinsab fil-kantuniera ta' Triq id-Duluri tittella 'l fuq għaliex qeda perikoluża kif inhi. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jinforma ħaddiem minn tiegħu biex tittella 'l fuq.

26.2.21 Resident talab għal bankina quddiem dar ġdida fi Triq San Lawrenz. Il-Kunsill qabel illi japplika għal din il-bankina bis-sistema Gozo LC Works.

## 26.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

26.3.1 Ma kienx hemm domandi mill-Kunsilliera.

## 26.4 Proġetti ġodda tal-EU;

26.4.1 Il-Gozo Action Group Foundation (GRDA) bagħtu korrispondenza lis-Sindku bis-suġġett 'CAP SP Measures', miżuri 2, 3 u 4 taħt il-CAP Strategic Plan (Leader) 2023-2027 għal Għawdex.

26.4.2 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex tinxtara *mechanical sweeper* li tkun t'għajnuna kbira għall-ħaddiema minħabba l-indafa fil-lokalità, permezz t'applikazzjoni tal-EU. Il-Kunsill qabel.

26.4.3 Proposta oħra mis-Sindku kienet li jiġi rranġat il-palk taċ-Ċentru Parrokkjali minn fondi tal-EU. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

26.4.4 Il-Kunsill qabel illi japplika għal dawn iż-żewġ proġetti u ssir laqgħa ma' Michelle Vella li ser tkun qed tgħin f'dawk l-applikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom kemm il-darba jiġu aċċettati.

## 26.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

26.5.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 23 għal perjodu ta' bejn l-24 t'April 2026 u l-15 ta' Mejju 2026 li tammonta għal €191,305.71 ġiet approvata u ffirmata.

## 26.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.6.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.15p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026 fis-6.00p.m.

Ikkonfermati, nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026.

Noel Formosa
Sindku

Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv